# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

## Laqgħa Nru. *21/07/2016*

Data: Il-Hamis 3 ta' Novembru 2016

Hin: Fis-6.00 ta' filgħaxija

Post: Fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

---

Preżenti: *Is-Sur Nicky Saliba – Sindku*
*Is-Sur Daniel Cordina – Vici Sindku*
*Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier*
*Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier*
*Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera*
*Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn*

*Is-Sinjura Josianne Cassar* – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Skużati:

Assenti:

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa bin-nru. 20/07/2016;
3. Punti mqajma mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 20/07/2016;
4. Korrispondenza;
5. Ilmenti u Suġġerimenti;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Milied 2016
8. Sejħiet għall-offerti u kwotazzjonijiet:
    - Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ;
    - Provvista ta' *ready-mix concrete*;
    - Kiri u nstallazzjoni ta' dwal tal-Milied fi Pjazza l-Assunta u Triq il-Knisja;
    - Stampar tal-Kalendarju;
9. Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur Apr – Ġun 2016;
10. Affarijiet Oħra;
11. Aġġornament.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

1.1 Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

1.2 Is-Sindku beda biex ta merħba lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv u awguralha l-ħidma t-tajba fil-Kunsill.

1.3 Chev. C Saliba għamel xi osservazzjonijiet dwar il-laqgħa li kienet skedata fil-25 t'Ottubru 2016 li ma saritx. Huwa staqsa lis-Sindku għaliex ma nżammitx u jekk id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġiex infurmat b'dan. Is-Sindku nfurmah illi s-Segretarju Eżekuttiv kienet tinsab bis-*sick leave*. Chev. C Saliba sostna li s-*sick leave* jeżentak minn fuq il-post tax-xogħol imma mhux mir-responsabilita`. Huwa żied jistaqsi min kien responsabbli li javża lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'dan. Id-Dipartiment qed ikun infurmat b'ħafna affarijiet iżda bl-essenzjal le. Chev. C Saliba staqsa lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv jekk ħaditx *hand over* mingħand is-Segretarja Eżekuttiva. Hija wieġbet fin-negattiv. Il-Kunsilliera S Grech qalet illi hija attendiet għall-laqgħa xorta waħda għaliex ma ġietx infurmata li ma kenitx ser issir. Chev. C Saliba qal illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jesiġi li niltaqgħu darba f'xahar. Sar qbil illi niktbu lid-Dipartiment dwar dan.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 20/07/2016

2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 20/07/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU 20/07/2016

3.1 Is-Sindku qal illi l-minuti saru mill-Assistent Uffiċjal Prinċipali meħuda min-noti li ħalliet is-Segretarja Eżekuttiva. Dawn saru bil-għajnuna tas-Sindku u Chev. C Saliba qal illi huwa ta l-kontribut tiegħu meta ġie mitlub biex jitfasslu dawn il-minuti. Is-Segretarja Eżekuttiva

ċemplet lill Assistent Uffiċjal Prinċipali u qaltilha biex wara l-aġġornament tal-minuti tniżżel hekk 'Minuti meħuda minn Ms Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva u ppreparati minn Ms Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv'. Is-Sindku qal illi ma nistgħux inniżżlu noti fil-minuti li mhumiex veritiera.

3.2 Chev. C Saliba staqsa lill-membri preżenti jekk jikkonfermawx dak li intqal fil-laqgħa rigward il-kont ta' Louis Attard. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera C Cassar u S Grech ikkonfermaw dan.

## 4. KORRISPONDENZA

Din il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija mill-Kunsill:

4.1 Ċirkulari Nru. 32/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Petty Cash* u *Petty Cash Books*.

4.2 Ċirkulari Nru. 33/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Assigurazzjoni tal-assi. Il-Kunsill qal li huwa konformi ma din iċ-ċirkulari.

4.3 Ċirkulari Nru. 34/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Proċedura tal-*Bye-Laws* u ċ-*Checklist*.

4.4 Ċirkulari Nru. 35/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Inizjattiva Finanzjarja – *Stronger Communities : Literacy Projects at Local Level*.

4.5 Ċirkulari Nru. 36/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Templates* tal-Aġenda u l-Minuti.

4.6 Ċirkulari Nru. 37/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Meta Kunsill Lokali jonqos milli jwettaq xi funzjoni.

4.7 Ċirkulari Nru. 38/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Fondi Pubblici minfuqa għal finanzjament ta' Għaqdiet. Il-membri qalu li l-Kunsill meta jorganizza l-attivitajiet mal-għaqdiet dejjem jagħmilhom in kollaborazzjoni. Il-Kunsillier C Cassar qal illi meta jkun hemm xi talba mill-għaqdiet nirreferu għal din iċ-ċirkulari.

4.8 Ċirkulari Nru. 58/2016 tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Konsultazzjoni dwar id-dokument 'Prevenzjoni tal-Kriminalita` – Ħarsien Aħjar għall-Komunita`'. Il-Kunsill intalab jagħti r-reazzjonijiet tiegħu. Il-Kunsill qabel illi jikteb sabiex isiru aktar spezzjonijiet minn dawk li diġa qed isiru u dwar il-ftuħ regolari tal-għassa tal-lokal.

4.9 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett Allokazzjoni Finanzjarja. Wara li sar eżerċizzju intern instab li kien fadal bilanċ ta' €2,190 fil-fond ta' aġġustament li kien dovut lill-Kunsill. Dan l-ammont għandu jgħaddi fil-kontijiet tal-Kunsill fil-jiem li ġejjin.

4.10 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett Sejħa ta' Nteress fost il-Kunsilli Lokali biex jospitaw Għaqal id-Dar 2017.

4.11 Ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-*Local Councils Service Contracts*.

4.12 Korrispondenza dwar parteċipazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li jikteb lil Comune di Lanuvio biex jipparteċipaw fil-presepju Bethlehem f'Għajnsielem li ser issir bejn il-11 ta' Diċembru 2016 u s-7 ta' Jannar 2017. Il-Kunsill ta' Għajnsielem stieden ukoll rappreżentanza minn kull Kunsill li huma ġemellati mal-komunitajiet f' Ruma biex jagħmlu l-vjaġġ tal-Maġi.

4.13 Direttiva Numru 4/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Direttivi dwar Xandir Socjali *(Social Media)* fil-Kunsilli Lokali.

4.14 Ittra anonima. Chev. C Saliba qal illi fid-dawl tas-sentenza riċenti mill-Qorti t'Għawdex ittri anonimi għandhom jiġu distrutti u ma jiġux *recorded*. Dan ġie ssekondat mill-Kunsilliera S Grech. Il-Viċi Sindku qal illi ittri anonimi m'għandhomx jitilgħu aktar għall-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

4.15 Il-Perit Edward Scerri bagħat korrispondenza mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-approvazzjoni tal-permess tal-monument tal-gwerra. Chev. C Saliba qal illi għandna nitolbu lill-Perit joħroġ l-istima biex jitlesta l-madwar ta' fejn ġej il-monument. Qal illi għandna nistinkaw biex ikun lest almenu sa Jum iż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel.

4.16 *E-mail* mir-Reġjun t'Għawdex bis-suġġett 'Proġett Kreattiv bil-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill ġie mitlub jinnomina espert mill-lokalita` li ser ikun qiegħed ifassal il-*Historic Trail* tal-lokalita`. Il-Kunsill qabel illi jitlob l-għajnuna tas-Sur Mario Cassar biex jidentifika persuna mill-lokal.

4-17 Ittra mill-Moviment Kerygma dwar il-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2016. Il-Kunsillier C Cassar innomina lil Fabio Cini għal dan il-premju. Il-Viċi Sindku ssekondah u l-Kunsill qabel. Għaldaqstant għandha tintbagħat in-nominazzjoni tiegħu lil Moviment Kerygma.

4.18 Ittra mill-WasteServ bis-suġġett *European Week for Waste Reduction* bejn id-19 u s-27 ta' Novembru. Il-Viċi Sindku qal illi huwa

tkellem ma rappreżentant ta' grupp li jnaddfu diversi siti. Huwa ssuġġerixxa illi għandna nidentifikaw sit u bil-għajnuna ta' dan il-grupp flimkien mar-residenti nnaddfuh. Żied jgħid illi dan it-tindif ma jinvolvix ħafna spejjeż, ikun hemm bżonn ingwanti, boroż tar-*rubbish*, etc. Chev. C Saliba ssekonda. Is-Sindku qal illi nippruvaw nitkellmu mal-Kap tal-Iskola biex ninvolvu l-istudenti tagħna f'dan it-tindif. Chev. C Saliba qal illi idea oħra hija li nnaddfu sit f'qiegħ il-baħar. Il-Kunsill qabel illi jerġa' jiddiskuti din il-materja wara li s-Sindku jitkellem mal-Kap tal-Iskola.

4.19 Komunikat mill-Kap tal-Iskola sabiex issir laqgħa mas-Sindku fl-14 ta' Novembru. Hija wriet ix-xewqa illi f'din l-istess ġurnata jitqassmu l-boroż ta' San Martin lill-istudenti tal-lokal. Il-Kunsill qabel.

4.20 Stedina lill-Kunsilli Lokali mill-Kor Nazzjonali tat-Tfal.

4.21 Korrispondenza mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta dwar iż-żjara tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta fil-lokalita` tagħna. Din ser issir il-Ħadd 27 ta' Novembru 2016 bejn il-5.15 u s-5.45p.m. Ġiet mitluba wkoll il-lista ta' entitajiet/organizzazzjonijiet non governattivi li jinsabu fil-lokalita`. Il-Kunsill qabel illi jsiru l-kaxxi fil-knisja taż-Żebbuġ kif ukoll f'dik ta' Marsalforn fejn jistgħu jitpoġġew l-offerti għall-*Community Chest Fund*. Imbagħad dawn jiġu mgħoddija lill-Eċċellenza Tagħha. Sar qbil ukoll illi ssir attivita` qasira fis-Sala tal-Każin tal-Banda għal din iż-żjara. Għandha tintbagħat ittra lis-Soċjeta` tal-Banda biex jiġu nfurmati b'dan.

4.22 Invit ġewwa l-Istitut għal Studju Turistiċi ġewwa l-Qala Għawdex. Dan l-Istitut qed joffri *three course menu* għal prezz ssussidjat ta' €7, eskluż ix-xorb, għall-ikla ta' nofsinhar kull nhar ta' Ħamis u Ġimgħa. Il-Kunsill qabel illi jorganizza ħarġa f'Għawdex għar-residenti nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru u f'nofsinhar ssir l-ikla fl-ITS. Sar qbil ukoll illi l-prezz ta' din il-ħarġa jkun €10, €7 għall-ikla u €3 ser jiżdiedu mad-donazzjonijiet li ser ikun hemm b'risq il-*Malta Community Chest Fund.*

4.23 Flimkien għall-Ambjent Aħjar bagħtu *e-mail* bis-suġġett *Help us save Zebbug's village square*. Is-Sindku qal illi huwa jista' jikkonferma kif ġej il-proġett. Beda billi qal illi huwa flimkien ma martu għandu kunflitt t'interess personali fuq dan il-proġett. Poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-pjanti tal-proġett u qal illi ser ikun hemm *Quaint Hotel*, Supermarket u ristorant. Spjega li għandu dritt li jkollu *business* tiegħu u f'dan il-proġett huwa ser ikollu r-ristorant li ser ikun wieħed ta' livell għoli. Il-faċċata tal-proġett ser tibqa' bl-istess karatteristiċi. Is-Sindku rtira mill-laqgħa u l-Viċi Sindku mexxa l-laqgħa. Il-Viċi Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu dan huwa nvestiment għall-lokalita` u l-pjazza tal-lokal ser tingħata l-ħajja. Il-membri tal-Kunsill preżenti huma favur dan il-

proġett. Chev. C Saliba għamel xi osservazzjonijiet dwar dan. Huwa qal illi fil-pjazza hemm 24 *unit* li huma mqassma bejn residenzi, *flats*, għassa, berġa, każin politiku u ċentru parrokkjali. Minn dawn 6 għadhom fl-istat oriġinali li jinkludu t-tnejn fejn hemm l-iżvilupp propost, 9 huma ġodda li 5 minnhom inbnew fi spazji vojta u l-4 l-oħra nbnew minflok il-bini l-antik. Tmienja ġew rinovati u saru alterazzjonijiet kemm fil-faċċata kif ukoll fuq ġewwa pero` nżammet il-karattestika tal-pjazza. Dar oħra twaqqgħet u ma reġgħetx inbniet għal raġunijiet li jafuhom biss is-sidien. Chev. C Saliba staqsa fejn kienet l-FAA u għaliex qiegħda tqanqal dawn id-domandi issa.

4.23.1 Wara li saret din id-diskussjoni, il-Kunsill approva l-kontenut tad-diskors li ntqal u wera li huwa favur tal-proġett kif propost. Il-Kunsill qabel illi jwieġeb lill-Flimkien għall-Ambjent Aħjar bid-deċiżjoni tiegħu.

4.23.2 Is-Sindku rritorna fil-kamra u kompla jmexxi l-laqgħa.

| 4.24 **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| 4.24.1 Gozo Jeep Tours<br>Għal attivita` soċjali nhar it-12 ta' Novembru 2016 fil-Bajja tax-Xwejni. | Approvata. |
| 4.24.2 Patrick Camilleri – Żebbuġ Rovers FC<br>Għal monti fil-beraħ nhar it-13 ta' Novembru 2013. | Approvata. |

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

5.1 Ilment 38/2016 – il-Kunsillier Chev. C Saliba
Issuġġerixxa li l-*front office* jiġi organizzat b'tali mod li l-klijent Ikollu l-privatezza. Il-Kunsill qabel illi jintalbu l-kwotazzjonijiet.

5.1.1 Il-ħinijiet tal-uffiċċju jiġu mniżżla f'tabella u jindikaw li l-klijenti jistgħu jinqdew sa nofs siegħa qabel il-ħin tal-għeluq. Il-Kunsill qabel.

5.1.2 Issir ħarġa għal Malta fis-6 ta' Diċembru 2016 fejn inżuru l-monti tal-Birgu u l-Kunċizzjoni f' Bormla. Il-Kunsill qabel.

5.1.3 Issir ħarġa f'Għawdex bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena fejn inżuru l-presepji. Il-Kunsill qabel.

5.2 Ilment 39/2016 – Ġ Cassar u S Zammit

Talbu biex issir *bus shelter* fi Triq il-Knisja faċċata tar-residenza tas-Sinjura Dimech. Il-Kunsill qabel li jikteb lil Transport Malta.

5.3 Ilment 40/2016 – il-Kunsillier Chev. C Saliba
Titwaħħal tabella li turi li hemm il-public convenience. Il-Kunsill qabel. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li t-tabella li ġiet approvata f'laqgħa preċedenti u tindika fejn jinsab il-bini tal-Kunsill ser tingombra t-triq għaldaqstant il-Kunsill qabel illi jordna tlett tabelli li jeħlu mal-ħajt.

5.3.1 L-entratura tal-Kunsill tinbidel b'tali mod li fuq barra jkun hemm *shutter* u tlett piedi l-ġewwa antiporta. Il-Kunsill qabel.

5.3.2 L-istaff tal-Kunsill jirrifletti l-ħtiġijiet tal-lum li fil-Kunsill qatt ma jkun hemm persuna waħda mill-i*staff*. Il-Kunsill qabel li jitlob lid-Dipartiment bil-proċedura tal-ingaġġ għal *part time clerk*.

5.3.3 Tiġi aġġustata r-rimunerazzjoni tal-*cleaner* minn €5.00 għal €6.00. Il-Kunsill qabel.

5.3.4 Biex il-berġa tibda titnaddaf ta' lanqas darba fil-ġimgħa u jinxtraw għaxar siġġijiet għal *waiting room* u *armchair*. Il-Kunsill qabel u jinġabru kwotazzjonijiet għas-siġġijiet.

5.4 Ilment 41/2016 – T Vassallo
Biex teħel mera tat-traffiku taħt dik li hemm fi Triq Skapuċċina. Il-Kunsill qabel li jitlob parir lil Trnasport Malta.

5.5 Ilment 42/2016 – M Magro
Manutenzjoni ta' ħofra fi Triq Wied l-Infern. Approvat – xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.6 Ilment 43/2016 – Mrs White
Traqqiegħ ta' parti minn Triq Ħabel it-Twil fix-Xwejni. Approvat – ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.7 Ilment 44/2016 – is-Sindku N Saliba
Tinbidel il-bankina ta' Joe Cini fi Triq Skapuċċina. Il-Kunsill qabel.

5.7.1 Jitwaħħlu sitt bankijiet ġodda u tlett *litterbins* fi Triq Għajn Mhelhel. Jintalbu l-kwotazzjonijiet.

5.7.2 Jinbidlu r-*railings* ta' Triq L-Oniċi u Sqaq Anton Mallia. Il-Kunsill qabel illi jsir *railing* bħal tal-Promenade tal-Qbajjar u jinġabru kwotazzjoni jew tinħareġ offerta.

5.7.3 Tissewwa *bus shelter* fi Pjazza l-Assunta. Il-Kunsill qabel illi jitlob lil Paul Caruana biex jitneħħa l-periklu.

5.8 *E-mail* mingħand Ian Cook Sabiex il-batterija li tinsab fil-Qbajjar tiġi

utilizzata bħala attrazzjoni turistika. Huwa ndika diversi suġġerimenti kif jista' jiġi żviluppat dan. Il-Kunsill qabel illi fil-prinċipju jaqbel ħafna imma biex jiġi attwat mhux daqshekk faċli.

5.9 Cordelia Magrath talbet sabiex isiru *hangers* għall-iskart domestiku fi Triq Dun Karm Cachia. Il-Kunsill qabel illi jaqla' t-tabella li hemm eżistenti u jagħmel il-*hangers*. Talbet ukoll sabiex jinbena ħajt tas-sejjieħ bħal ma hemm man-naħa l-oħra. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba peress li huwa tal-privat.

5.10 Il-Viċi Sindku semma' dawn ix-xogħlijiet li kienu approvati u għadhom ma twettqux:

- Huwa qal li kellmuh tal-armar rigward it-toqob tal-antarjoli. Is-Sindku wieġeb illi kellhom jimmarkawhom u jindikaw kemm hemm toqob.
- Semma l-fanali ta' Triq il-Knisja li kellhom jinżebgħu. Is-Sindku qal illi dawn kellhom jinżebgħu mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li għandhom bżonn jinbarxu qabel jinżebgħu. Il-Viċi Sindku ppropona li tintalab kwotazzjoni lil Tony Cini. Il-Kunsill qabel.
- Titnaddaf Triq il-Kanun. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekkja x' inhi s-sitwazzjoni.
- Dwar il-permess ta' Kuljat biex issir passaġġ bil-konkos.

5.11 Il-Viċi Sindku qal illi hemm bżonn li jinbidel bank u jsir ġdid fi Triq Dun Karm Cachia. Il-Kunsill qabel li din it-talba ssir flimkien mal-bankijiet ta' Għajn Mhelhel.

5.12 Chev. C Saliba informa lill-Kunsill illi għandu stedina ta' kor minn Wales. Dan il-kor jista' jiġi fil-31 ta' Mejju 2017 li tkun waħda mill-Erbgħat ta' Santa Marija. L-ispejjeż involuti huma t-trasport, pizza u *drink*. Il-Kunsill qabel.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

6.1 Dwar iċ-ċedola li ntbagħtet lill-membri tal-Kunsill għall-approvazzjoni, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat lista ta' kontijiet – DOK B li huma mniżżla f' din iċ-ċedola biex tingħata lilu aktar informazzjoni dwarhom. Id-Dipartiment ta struzzjonijiet biex dawn il-pagamenti msemmija f'din il-lista ma jitressqux għall-approvazzjoni tal-Kunsill u lanqas isir ħlas tagħhom sakemm isir l-istħarriġ neċessarju mid-Dipartiment.

6.2 Il-Viċi Sindku qal illi huwa jaqbel mal-kontijiet kollha li hemm fiċ-ċedola minbarra n-nru. 80 ta' L Attard. Ma jaqbilx għaliex dan ġie mqabbad mill-Ministeru għal Għawdex u għaldaqstant għandu jitħallas mill-Ministeru u qatt ma kien diskuss fil-Kunsill Lokali qabel ma beda dan ix-xogħol.

6.2.1 Chev. C Saliba qal illi kienet il-prattika li ssir it-tieni ġabra mill-Kunsill preċedenti. Huwa qal illi dan il-kont sar qbil fuqu li jitħallas mill-Kunsill u għandu jiġi ssetiljat.

6.2.2 Is-Sindku qal ħadd mill-kamra ma jaf x'kienet il-problema. Huwa qal li s-Segretarja Eżekuttiva għamlet dan il-kont f'envelop u qaltlu biex imur bih il-Ministeru għal Għawdex u dan baqa' ma tħallasx.

6.2.3 Il-Viċi Sindku qal illi fil-leġislatura ta' qabel il-Kunsill kien jingħata s-somma ta' madwar €40,000 fis-sena għal dan is-servizz. Dan l-ammont ma baqax jingħata mill-Gvern preżenti għax il-Ministeru għal Għawdex refa' r-responsabilita` li jħallas għat-tieni ġabra u l-Kunsill qabel ma' din id-deċiżjoni.

6.2.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill dwar il-ħsara li qed issir lir-raħal taż-Żebbuġ bil-paroli żejda u t-tixwix. B'dispjaċir qal illi huwa flimkien ma' xi membri tal-Kunsill ġew mgħajra li huma ħallelin. Qal illi dan id-diskors iweġġa' u talab lill-membri jgħarrfuh jekk jafu b'xi ħaġa f'dan ir-rigward.

6.3 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 18/2016 – DOK A għall-perijodu bejn il-21 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Ottubru 2016 (teskludi DOK B) li tammonta għal €54,760.46 kienet approvata u ffirmata.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntratt tal-kera tal-bini tal-Kunsill ser jagħlaq fil-bidu ta' Jannar. Il-Kunsill qabel li jiġi mġedded għal tlett snin.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa spiccat fl-9.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna għall-kontinwazzjoni tas-seduta għal-Ġimgħa 11 ta' Novembru 2016 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Iffirmati
***Nicky Saliba***
*Sindku*

Iffirmati
***Josianne Cassar***
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***11 ta' Novembru 2016***